Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

**Appell Numru: 387/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Mercieca)

vs

**Darren Debono**

iben Paul, imwieled Pieta', fis-27 ta' Mejju, 1977, detentur tal-karta tal-identita' numru 247477(M)

Illum, 27 ta' Frar 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Darren Debono quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli fit-3 ta' Dicembru 2010, ghall-habta tat-8:15 ta' filghaxija, fi Triq il-Linja, Attard, flimkien ma' persuna jew persuni ohra mhux maghrufa:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' delitt ta' serq aggravat fuq il-persuna ta' Michael Mizzi u/jew Silvio Mizzi, wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku dan id-delitt

gie esegwit kien ikun serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-hin, bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' u tletin centezmu (€2329.37), ghad-dannu tas-socjeta' Ogygia Ltd. u/jew ta' persuna/i w/jew ta' entita' jew entitajiet ohra;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Michael Mizzi, ta daqqiet ta' hadida (wheel-brace) fuq ras Michael Mizzi u kkagunalu feriti ta' natura hafifa hekk kif iccertifika t-tabib Dott. Ian Psaila M.D. mill-iSptar Mater Dei;

3. U aktar talli, bla ordni skont il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestrata gie offiz fuq il-persuna tieghu jew mhedded bil-mewt u l-istess delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew persuni ohra jkunu imgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom;

4. U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

5. U aktar talli, f' xi hin bejn is-6 ta' filghaxija, nhar id-29 t' Awwissu, 2010 u l-5:15 ta' filghodu tat-30 t' Awwissu 2010, minn Triq il-Knisja, Msida kkommetta serq ta' vettura Toyota Liteace, numru ta' registrazzjoni IAT 916, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u seba' w tletin centezmu (€2329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta' Mario Micallef u/jew ta' persuna/i u/jew entita' jew entitajiet ohra;

6. U talli f' xi hin bejn il-15 ta' Settembru 2010 u l-4 t' Ottubru, 2010 minn Triq id-Duka ta' Edinburgh, Hamrun kkommetta serq ta' par tarek ta' registrazzjoni ta' vettura tal-marka Mitsubishi L200, bi-numru tar-registrazzjoni DAJ 445, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Anthony Vassallo u/jew persuna/i ohra;

7. aktar talli, fit-3 ta' Dicembru 2010 u/jew fil-jiem ta' qabel din id-data, gewwa H' Attard u fi nhawi ohra f' dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghall-haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz, billi biddel it-tarek ta' registrazzjoni ta' vettura numru IAT 916, ma dawk ta' vetturi numru DAJ 445 ai terminu tal-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli, fl-istess zminijiet u cirkostanzi, f' dawn il-Gzejjer ghamel falsifikazzjoni jew uzu minn dokument iehor falsifikati billi uza par tarek tar-registrazzjoni ta vettura ohra minn dawk assenjati lill-istess vettura, u

cioe' numri DAJ 445 minflok in-numri originali IAT 916, u dan ai terminu ta' l-Artikolu 187 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ta' l-Artikolu 15(1A) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Akkuzat ukoll talli, fit-3 ta' Dicembru, 2010, f' xi hin wara t-8:15 ta' filghaxija, gewwa H' Attard, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura tal-marka Toyota Liteace, numru ta' registrazzjoni IAT 916, liema hsara tiskorri l-elf mija w erbgha w sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69), ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu ta' Mario Micallef u/jew ta' persuna/i w/u entita' jew entitajiet ohra;

10. u aktar, talli fit-3 ta' Dicembru, 2010 u fiz-zmien ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg, u cioe' vettura u/jew arma tan-nar w/jew oggetti ohra, misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, jew xjentement, b' kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Talli f' Dicembru, 2010, u/jew fix-xhur u/jew fis-snin ta' qabel din id-data, f' dawn il-Gzejjer:

11. Ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar;

12. Appartjena ghal-ghaqda, imsemmija fis-subartiklu (1) ta' l-artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

13. F' Malta assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f' Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f' Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma hux delitt taht l-Att dwar l-Istampa;

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija titratta lill imputat irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell datata 13 ta' Lulju, 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Settembru, 2013 fejn il-Qorti filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet, u ma sabitx lill-imputat hati tal-aggravju dwar hin f'l-ewwel imputazzjoni u tal-hames, is-sitt, is-sebgha, t-tmien, id-disgha, l-ghaxar, il-hdax, it-tnax u l-erbatax il-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u lliberatu minnhom, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 48A, 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u u l-artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati

tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u taghhom ikkundannatu hames (5) snin prigunerija u b'applikazzjoni tal-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat l-konfiska tas-senter esebiet b'dan li dan is-senter ghandu jibqa' esebiet in atti sa kemm il-Kummissarju tal-Pulizija jiddikjara li l-imsemmi senter mhux rikjest bhala prova f'xi proceduri ohra li jistghu jkunu gia pendenti jew li ghad jistghu jittiehdu fil-konfront ta' terzi in konnessjoni ma'din il-hold up; in oltre u b'applikazzjoni tal-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 l-imputat gie skwalifikat minn kull licenzja kontemplata fl-istess Kapitolu 480 ghal perjodu ta' hames snin. In konkluzzjoni u b'applikazzjni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ikkundannat lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti is-somma ta' elf mija tlett mija u tlettin Euro u hdax il-centemzu (€1,330.11) rapprezentanti terz tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti.

Rat ir-rikors tal-appellant Darren Debono tat-23 ta' Settembru 2013 fejn talab lil din il-Qorti tvarja u tirriforma is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali, moghtija nhar il-11 ta' Settembru 2013 fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma' sabitx lil imputat hati tal-aggravju tal-hin fl-ewwel imputazzjoni u tal-hames, is-sitt, is-sebgha, it-tmien, id-disa', l-ghaxar, il-hdax, it-tnax u l-addebitu tar-recediva u hati tal-kumplament ta' l-imputazzjonijiet, tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti li tirrigwarda l-piena inflitta .

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

> "Illi l-piena fic-cirkostanzi kienet eccessiva.
>
> Illi f'dan ir-rigward jinghad illi il-piena ghar-reat tal-attentat ta'serq aggravat bil-vjolenza,mezz u ammont huwa dak kontemplat fl-Artikolu 280 (2), 274 (c) u 277(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan il-kaz wiehed jrid izomm f'mohhu wkoll it-tnaqqis ta' grad jew tnejn kontemplat fl-artikolu 41 (1) (a). Tali komputazzjoni twassal ghall-konkluzjoni li hawnhekk il-piena erogata kienet jekk mhux fil-massimu, kwazi fil-massimu taghha.
>
> Illi, in oltre, fl-istess komputazzjoni u galadarba il-Qorti irriskontrat htija fir-rigward tar-raba' w it-tlettax il-imputazzjoni; certament kien applikabbli l-Artikolu 17 (h). In effetti, ir-reat rawizat taht l-Artikolu 48(A), huwa fih innifsu

reat kompriz u involut fir-reat ta' serq addebitat fl-ewwel imputazzjoni. Dan huwa evidenti meta wiehed iqis li l-artikolu 48(A) qed jitkellem fuq l-assocjazzjoni biex jitwettaq reat. Hawn pero`, mir-relm tal-assocjazzjoni imxejna pass iehor u wasalna fl-attentat. In-ness guridiku bejniethom johrog wahdu.

L-istess jinghad ghar-raba imputazzjoni fejn hawn pero' din l-imputazzjoni hija mezz ghall-fini tar-reat ta' serq aggravat bil-mezz u li tieghu l-esponent ukoll jinsab akkuzat u li tieghu nghata piena.

Jinghad ukoll li fis-sottomissjonijiet dwar il-piena l-ufficjal prosekutur talab piena ta hames snin prigunerija ghas-sejbien ta htija fuq l-imputazzjonijiet kollha ossija tlettax u l-aggravju tar-recidiva. Issa l-esponent inghata piena ta hames snin prigunerija meta gie misjub hati ta tlett imputazzjonijiet."

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tas-27 ta' Jannar, 2013 fejn inghad:

"Illi, l-appell tal-appellant jirrigwarda limitatament il-piena imposta fuqu mill-Ewwel Qorti, fejn prinċipalment qiegħed jsostni li tali piena imposta hija waħda eċċessiva;

Illi, f'dan l-istadju huwa important niftakru li ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern huma ta' natura serja ħafna, u di piu' l-appellant, qua imputat, volontarjament ammetta għall-aktar akkuza gravi minnhom kollha, u ċioe` għall-ewwel imputazzjoni;

Illi, l-Ewwel Qorti, wara li fliet bir-reqqa l-Atti Proċesswali fl-intier tagħhom, sabet lill-appellant ħati tal-ewwel, ir-raba' u t-tlettax il-imputazzjoni miġjuba kontrih, u meta waslet biex tinfliġġi il-piena skont il-Liġi, wara li ħadet ukoll in konsiderazzjoni n-natura gravissima tar-reati kif ukoll il-fedina penali tal-appellant, infliġġiet piena ta' ħames snin priġunerija, ordnat il-konfiska tas-senter użat fil-hold up kif ukoll ordnat l-iskwalifika minn kull liċenzja kontemplata fil-Kap. 480 għall-perijodu ta' ħames snin;

Illi, l-esponent umilment jirrileva li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti kienet waħda strettament fil-parametri tal-Liġi;

Illi, kif tgħallimna ġurisprudenza diversa u kostanti, mhux normali li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-Liġi u ma tkunx manifestament eċċessiva, kif fil-fatt huwa l-każ fil-proċeduri odjerni;

Illi, ukoll, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm din il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli

tagħti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz li jkun jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena – ħaġa li f'dan il-każ l-Ewwel Qorti ċertament m'għamlitx, kif jidher ċar mis-sentenża dettaljattisima li ingħatat;

Illi, għaldaqstant l-esponent umilment jissottometti illi d-deċizjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti nhar il-11 ta' Settembru 2013 kienet waħda korretta u ġusta u li sussegwentement il-piena inflitta kienet waħda fil-parametri tal-liġi u għalhekk m'hemm ebda raġuni valida 'il għaliex din l-Onorabbli Qorti għandha tvarja jew tirriforma din l-istess sentenza."

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi il-gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti jikkoncerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghall-akkuzi li dwarhom l-appellant gie misjub hati u cioe' ir-reati tas-serq aggravat bil-vjolenza, mezz u valur tal-oggett misruq, l-uzu ta' arma tan-nar waqt il-kummissjoni tad-delitt u tar-reat tal-assocjazzjoni kif mahsub fl-artikolu 48A tal-Kodici Kriminali. Jishaq l-appellant illi l-piena kienet wahda eccessiva fejn l-Ewwel Qorti ma applikatx id-disposizzjonijiet tal-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali fil-kalkolazzjoni tal-piena u dan referibbilment ghas-sejbien ta' htija ghar-raba u it-tlettax l-imputazzjoni, kif ukoll ma ghamlitx dak it-tnaqqis fil-piena mahsub fl-artikolu 41(1)(a) tal-Kapitolu 9 billi l-appellant fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni gie misjub hati tat-tentattiv tar-reat u mhux tar-reat ikkunsmat.

Issa l-Ewwel Qorti ghaddiet biex teroga piena ta' hames snin prigunerija u dan meta sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza minghajr l-aggravanti tal-hin, kif ukoll tar-raba u it-tlettax-il imputazzjoni. Il-mottiv li wassal lill-Ewwel Qorti sabiex taghmel dan gew indikati in sintezi fis-sentenza appellata bhala konsistenti f'zewg fatturi

determinanti, u cioe' n-natura gravi tar-reati li dwarhom instabet il-htija, kif ukoll il-fedina penali refrattarja tal-appellant.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

> **"...The principle nulla poena sine lege does not mean or imply that a Court of Criminal Justice has to go into any particular detail as to the nature and quantum of the punishment meted out, or, where the Court has a wide margin of discretion with various degrees and latitudes of punishment, that it has to spell out in mathematical or other form, the logical process leading to the quantum of punishment. This is also the position in English Law. As stated in Blackstone's Criminal Practice 2004:**
>
> **""Save where the statutory provisions mentioned below apply, there is no obligation on the judge to explain the reasons for his sentence. However, the Court of Appeal has encouraged the giving of reasons, and has indicated that that should certainly be done if the sentence might seem unduly severe in the absence of explanation...It has been held that failure by the sentencing court to give reasons when required to do so does not invalidate the sentence...although the failure may no doubt be taken into account by the appellate court should the offender appeal. Where the sentencer does give reasons and what he says indicates an error of principle in the way he approached his task, the Court of Appeal sometimes reduces the sentence even though the penalty was not in itself excessive. Similarly a failure by the judge to state expressly that he is taking into account any guilty plea, although contrary to [statutory provision], does not oblige the Court of Appeal to interfere with what is otherwise an appropriate sentence..."**
>
> **As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**
>
> **""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to**

**individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[1]"**

Issa huwa minnu li minn harsa lejn id-disposizzjonijiet tal-ligi iccitati fid-decizjoni impunjata, ma hemmx indikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali, ghalkemm l-artikolu 382 jiddisponi illi fis-sentenza ghandu jkun hemm indikazzjoni ta' dawk l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw ir-reat, izda mhux dawk li fihom hemm mahsuba il-piena.

Illi l-appellant, kif inghad gie misjub hati tar-reat tat-tentattiv ta' serq aggravat bil-vjolenza, mezz u valur u dan meta sar attentat ta' *hold-up* fuq il-persuni ta' Michael u Silvio Mizzi, l-ezekuzzjoni ta' liema delitt gie sfrattat mid-derubati stess. L-appellant izda gie akkuzat ukoll bir-reat tal-assocjazzjoni fit-termini tal-artikolu 48A tal-Kodici Kriminali, ghalkemm fl-imsemmija imputazzjoni ma jigix indikat dwar liema reat dan l-allegat assocjazzjoni jirreferi. Mill-fattspecje tal-kaz, li ma humiex in kontestazzjoni issa fi stadju ta' revizjoni jirrizulta illi l-appellant kien assocja ruhu ma' zewg persuni ohra bil-ghan illi jitwettaq ir-reat tas-serq sabiex b'hekk l-Ewwel Qorti sabet htija ghar-reat tal-assocjazzjoni kif mahsub fl-artikolu 48A. Dan ghaliex sahhqet illi kien evidenti mill-provi prodotti illi kien gie imfassal pjan pre-ordinat bejn l-appellant u tnejn minn

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005

nies ohra dwar il-modalita', il-hin u il-mezz kif kellu jigi kommess dan il-*hold-up*. Illi gie deciz:

> **"…. bejn ir-reat ta' assoċjazzjoni u r-reat ta' serq aggravat m'hemmx inseparabilita` ġuridika. Il-"fatt" li jwassal għall-ewwel reat mhux l-istess "fatt" li jwassal għat-tieni reat. Il-qofol ta' l-ewwel reat huwa l-ftehim bejn mill-inqas tnejn min-nies biex iwettqu delitt. Bħalma jgħid is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 48A, l-assoċjazzjoni "tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni". Il-qofol tat-tieni reat huwa s-serq (f'dan il-każ, it-tentattiv ta' serq), naturalment bil-kwalifiki attinenti. Dak li jeżisti bejn l-Ewwel Kap u t-Tieni Kap huwa l-konkors materjali u allura l-applikabilita` tal-paragrafu (h) ta' l-artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[2]"**

Illi allura dan il-pjan mahsub kien mezz ghal fini ghalbiex jigi kommess id-delitt tas-serq, kif hekk ukoll jista' jitqies il-mezz tal-uzu tal-arma tan-nar sabiex sehh r-reat. Dan ghaliex f'kaz ta' diversi reati intizi ghall-kommissjoni ta' reat iehor, tigi applikata, l-piena l-aktar gravi fit-termini tal-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali kif gustament sottomess mill-appellant fl-appell minnu intentat.

> **"Is-subinciz (h) tal-artikolu 17 jiddisponi li meta zewg reati jew izjed, li flimkien ma jaghmlux delitt kwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi. Dan ifisser li tkun instabet htija ghaz-zewg reati jew aktar kontra l-hati w mhux li reat jikkancella l-ezistenza ta' xi reat iehor li jkun serva bhala mezz ghall-fini biex jigi kommess r-reat. Hija biss ghall-fini ta' piena li r-reat li serva bhala mezz ghall-fini ma jittiehedx in konsiderazzjoni, imma dikjarazzjoni ta' htija dwaru jkun hemm dejjem u ghalhekk dar-reat ikun jezisti w jakkompanja lir-reat l-iehor.[3]"**

Dan maghdud il-piena erogata mill-Ewwel Qorti xortawahda tibqa' wahda fil-parametri stabbiliti fil-ligi. Madanakollu din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'incertezza jekk l-Ewwel Qorti qiesetx l-applikazzjoni tal-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali billi

---

[2] Ir-Repubblika ta' Malta vs Antoine Grima et – App.Krim. Sup. Deciza 13/10/2016 Att tal-akkuza 14/2014

[3] Il-Pulizija vs Omissis – App.Inf. deciza 05/06/2003 app.nru. 49/2002

kien hemm il-konkors materjali tar-reati, kif inghad billi fis-sentenza moghtija ma hemmx indikat illi giet applikata din id-disposizzjoni tal-ligi.

L-istess, izda, ma jistax jinghad fir-rigward tal-applikazzjoni tat-tnaqqis ravvizat fl-artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali billi l-Ewwel Qorti tindika car u tond fid-*decide* illi din id-disposizzjoni tal-ligi giet minnha applikata fid-decizjoni taghha, sabiex b'hekk din il-Qorti hija tal-fehma illi ma ghandux ikun hemm tnaqqis ulterjuri fil-piena.

Ikkunsidrat ulterjorment,

Illi l-piena li ghandha tigi erogata ghar-reat tas-serq aggravat bil-vjolenza, mezz u valur ghandha tkun dik imfassla fl-artikoli 280(2), 274(c) u 277(b) tal-Kodici Kriminali biex b'hekk il-parametri tal-piena ghal dan ir-reat hekk ikkwalifikat huwa ta' bejn l-erbgha u d-disa' snin. Billi l-appellant gie misjub hati tat-tentattiv tar-reat u mhux ta' dak ikkunsmat allura dawn il-parametri iridu jergghu jonqsu ghal dik tal-prigunerija bejn is-sentejn u il-hames snin u dan jekk it-tnaqqis ikun ta' zewg gradi u dik tal-prigunerija bejn tlieta u sitt snin jekk it-tnaqqis isir ghal grad wiehed biss.

Stabbiliti dawn il-parametri ghas-sejbien ta' htija ghall-ewwel imputazzjoni, madanakollu l-appellant gie misjub hati ukoll tad-delitt mahsub fl-artikolu 48A tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar ir-reat tal-assocjazzjoni. Ighid hekk il-legislatur fis-sub-inciz (3) u (4) tieghu:

> **(3) Kull min jinsab ħati ta' assoċjazzjoni taħt dan l-artikolu jista' jeħel il-piena għal delitt ikkunsmat li jkun l-għan tal-assoċjazzjoni, mnaqqsa b'żewġ gradi jew tlieta.**
> **(4) Għall-għanijiet tas-subartikolu (3), sabiex tiġi stabbilita l-piena għar-reat sħiħ li jkun l-għan tal-assoċjazzjoni, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha li jaggravaw dak ir-reat.**

Dan ifisser allura illi ghar-reat tal-assocjazzjoni l-appellant irid jigi ikkundannat ghad-delitt ikkunsmat tas-serq kif ikkwalifikat fid-decizjoni appellata imnaqqas b'zewg gradi jew tlieta. Issa bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali ghandu jitqies dak ir-reat l-aktar gravi fic-cirkostanzi u cioe' r-reat li qed igorr piena akbar u

dan ghal fini ta' kalibrazzjoni tal-piena. Gjaldarba allura il-piena tar-reat tas-serq kif ikkwalifikat ghandu jitnaqqas bi grad jew tnejn billi ma giex ikkunsmat, filwaqt li r-reat tal-assocjazzjoni igorr l-istess piena bhal dak tas-serq, izda imnaqqas b'zewg gradi jew tlieta, hija dik il-piena ghat-tentattiv tar-reat tas-serq aggravat li ghandha titqies bhala dik l-aktar gravi. B'hekk il-parametri tal-piena li ghandha tigi erogata ghandha tkun dik tal-prigunerija bejn is-sentejn u il-hames snin, jew jekk it-tnaqqis isir bi grad wiehed biss allura il-piena tkun dik ta' bejn it-tlieta u s-sitt snin prigunerija. Dan ifisser, illi thares minn fejn thares lejn il-kalkolazzjoni tal-piena ghandu jirrizulta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet taqa' fil-parametri tal-ligi u li ma inghatatx dik il-piena mahsuba ghal kull reat li dwaru l-appellant gie misjub hati, izda gew applikati fil-konfront tieghu d-disposizzjonijiet tal-artikolu 17 tal-Kapitolu 9.

Illi finalment il-piena stabbilita fl-artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li ma teccediex l-erba snin prigunerija fejn ma hemm l-ebda minimu stabbilit.

Illi allura maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, ghalkemm l-Ewwel Qorti ma indikatx fil-parti decizorja dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi li jikkontemplaw il-piena, izda biss dawk li kienu jikkontemplaw ir-reati li dwarhom kienet qed tinstab htija, fosthom allura ma kienx qed jigi indikat l-applikazzjoni tal-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali, madanakollu billi l-piena erogata kienet wahda li taqa' fil-parametri kif hawn fuq imfissra, huwa indubitat illi l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi fil-komputazzjoni minnha maghmula tal-piena, li allura fil-fehma ta' din il-Qorti ma ghandhiex tigi varjata. Dan ukoll ghaliex, kif tajjeb qalet l-Ewwel Qorti, r-reati li dwarhom l-appellant gie misjub hati huma reati serji hafna ta' serq aggravat bil-vjolenza fost ohrajn li seta' kellu konsegwenzi ferm aktar gravi. *Di piu'* il-fedina penali tal-appellant tixhed imgieba refrattarja li certament ma haqqha l-ebda klemenza minn naha tal-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni tal-Ewwel Qorti ikkonfermata fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur